**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 276/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**CHRIST SKOTADIS**
**(ID: 296896M)**

**Illum, 15 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **CHRIST SKODATIS** detentur tal-karta ta' l-identita' nru: 296896M tressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Jannar, 2017, mill-istabbiliment *Bien Venue Confectionery* fi Triq Bajada, Zabbar, flimkien ma' certu Shalon Abela:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, mobile phone top-up cards u/jew oggetti ohra, liema serq huma aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu ta' John Buhagiar u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' w/jew entitajiet ohra;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fid-9 ta' Mejju 2019 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja[1];

Rat illi waqt l-ezami tieghu, fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2019, l-imputat fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu, wiegeb li huwa hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Rat illi din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara illi (i) il-Qorti fissret lill-imputat ix-xorta tal-akkuza migjuba kontrih kif ukoll il-piena erogabbli ghar-reat addebitat lilu, (ii) tat lill-imputat hin biex jirrikonsidra d-dikjarazzjoni tal-htija tieghu u biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu; (iii) l-imputat iddikjara li huwa nghata bizzejjed hin biex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu ta' htija; u (ii) il-Qorti fehmitu, u tinsab konvinta li l-imputat fehem, l-imputazzjonijiet kollha li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Gunju 2019 il-Qorti fuq talba tal-imputat ordnat illi jithejja pre-sentencing report fil-konfront tal-istess imputat u dan wara li rat l-Artikolu 6 tal-Kap. 446;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Annabel Bugeja fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019 u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

---

[1] Fol. 4.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat waqt il-prezentata, ammetta ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li saret fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u wara li qieset li hija sodisfatta li l-imputat fehem l-import tal-imputazzjoni u l-piena li ggib maghha, il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata u illi b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess akkuza.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat. Ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm mill-fedina penali tieghu ma jirrizultax illi ghandu kundanni precedenti, il-Qorti fehmet mix-xhieda kif ukoll mill-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation, illi l-imputat skonta perijodu ta' prigunerija u ghadu jinsab prezentement taht Ordni ta' Trattament mahrug fis-26 ta' Novembru 2018 ghal zmien sentejn u dan wara li nstab hati ta' akkuza ta' traffikar ta' droga, u illi ghadu qed jircievi t-trattament sal-lum. Il-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi l-imputat trabba f'istituzzjonijiet ta' kura ghal tfal minuri u, sakemm kien jinsab taht il-gwida ta' Fr. Charles Said li kien il-punt ta' referenza principali tieghu, kellu hajja stabbli liema stabbilita` madanakollu, tilifha meta mar jghix ma' ommu u qabad kumpannija hazina li wasslitu biex jibda jabbuza minn droga sintetika.

Jirrizulta mill-atti illi l-imputat ikkommetta dan ir-reat iktar minn sentejn ilu, cioe` f'Jannar 2017 meta kellu biss dsatax (19)-il sena. Mill-*pre-sentencing report* jirrizulta li ghalkemm kif diga` nghad, huwa trabba minghajr is-sapport u gwida tal-genituri tieghu, l-imputat jidher illi llum ghandu impieg stabbli u wara li skonta piena ta' prigunerija, qed jipprova jirreintegra ruhu fis-socjeta` kif ukoll izomm 'il boghod mill-vizzju tal-abbuz tad-droga tant illi t-testijiet li ttiehdu irrizultaw fin-negattiv ghal kull sustanza.

Fil-fatt, il-Probation Officer filwaqt li qieset illi f'dan il-kaz piena karcerarja ma tkunx idonea, irrakomandat li l-hati jitpogga taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, sabiex jigi konsolidat il-progress li diga` rregistra bis-sahha tal-Ordni ta' Trattament pendenti, u sabiex tkompli tinghata lilu l-motivazzjoni li qed juri fil-prezent sabiex jimxi fit-triq tal-ghaqal.

Il-Qorti fic-cirkostanzi kollha fuq ikkunsidrati, taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni u hija tal-fehma li ma ghandhiex ittellef lill-imputat mill-progress li jidher li qed jirregistra izda tqis li ghandu jkompli jinghata l-ghajnuna kollha sabiex jirreintegra ruhu fis-socjeta` u jzomm 'il boghod mill-kriminalita`.

Qieset ukoll illi billi ma ngabux provi dwar il-quantum preciz tad-dannu ikkagunat lil John Buhagiar, m'hijiex sejra taghmel ordni ta' hlas ta' danni a tenur tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 fil-konfront tal-imputat in linea ta' kumpens ghat-telf soffert bhala rizultat tar-reat in dizamina.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278(3) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil CHRIST SKODATIS hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-istess CHRIST SKODATIS taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u rat ukoll illi l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' din l-ordni ta'** ***Probation*****.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**